

Brussell, 18 ta' Lulju 2022  
(OR. en)

11320/22

**LIMITE**

**COASI 101  
ASIE 42  
ASEM 14  
COPS 348  
COHOM 77  
MARE 56  
COMPET 604  
CONOP 59  
CT 146  
EDUC 272  
ENV 746  
GENDER 128  
POLCOM 77  
SAN 460  
CYBER 266**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

---

Suġġett: Pjan ta' Azzjoni UE-ASEAN 2023–2027  
- Approvazzjoni ta' strument mhux vinkolanti (NBI)

---

1. Fit-13 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill approva d-dħul f'negozjati għal Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tas-Sħubija Strateġika UE-ASEAN għall-perjodu 2023-2027 (dokument ST 9691/22).
2. L-ASEAN taqbel dwar Pjanijiet ta' Azzjoni ma' kull wieħed mis-sħab tagħha fid-djalogu formali. L-aħħar Pjan ta' Azzjoni bħal dan mal-UE ġie maqbul fl-2017 għall-perjodu 2018-2022. Skont il-prattika standard, l-ASEAN tapprova dawn il-Pjanijiet ta' Azzjoni mas-sieħeb rilevanti fid-djalogu fil-Konferenza Post-Ministerjali immedjatament qabel il-perjodu l-ġdid tal-pjan ta' azzjoni. Il-Konferenza Post-Ministerjali ta' din is-sena ser issir fl-4 ta' Awwissu 2022 fil-Kambodja.

3. Il-Pjan ta' Azzjoni ser ikopri attivitajiet relatati mat-"tliet pilastri" tal-ASEAN, jiġifieri l-kooperazzjoni politika u ta' sigurtà (inkluż id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba), il-kooperazzjoni ekonomika u l-kooperazzjoni soċjokulturali (inkluż is-saħħa pubblika, il-ġestjoni tad-diżastri u l-ambjent), kif ukoll il-kooperazzjoni "trasversali" foqma bħall-konnettività jew l-ekonomija ċirkolari. Dan mhu ser jinvolvi l-ebda impenn legali.
4. Fl-14 ta' Lulju 2022, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja (COASI) iddiskuta l-aħħar abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni (WK 7490/22 REV2). In-negozjati dwar it-test ser ikompli sal-bidu tal-Konferenza Post-Ministerjali.
5. L-Istati Membri enfasizzaw li l-Pjan ta' Azzjoni ma għandux jitbiegħed mil-lingwa tal-UE maqbula. Barra minn hekk, huma talbu lis-SEAE, in-negozjatur, biex iżomm is-sigurtà tal-ikel bħala suġġett ta' kollaborazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN u jara li jżomm ir-referenza għall-istat tad-dritt u l-proporzjonalità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. Is-SEAE ntalab ukoll jaħdem għal affermazzjoni aktar b'saħħitha tar-rwol ċentrali tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS). Fl-aħħar nett, l-Istati Membri talbu lis-SEAE biex jara li jżomm il-livell ta' ambizzjoni fir-rigward tan-nisa, il-paċi u s-sigurtà.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill
  - japprova t-test tal-Pjan ta' Azzjoni UE-ASEAN 2023–2027, kif jinsab fid-dokument 11386/22, u
  - jaqbel li jekk ikunu meħtieġa aġġustamenti ulterjuri tat-test sabiex jiġi żgurat il-qbil qabel il-Konferenza Post-Ministerjali, it-test jista' jiġi adattat kif xieraq dment li l-bidliet ma jaffettwawx is-sustanza u l-ħsieb tal-pożizzjonijiet tal-UE.